



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 17 ta' Meju 2021
(OR. en)

8640/21

LIMITE

CYBER 138
JAI 523
DATAPROTECT 125
TELECOM 194
MI 332
CSC 190
CSCI 78

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0359(COD)

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 - Rapport ta' progress

Dan ir-rapport tfassal taħt ir-responsabbiltà tal-Presidenza u huwa mingħajr preġudizzju għal punti ta' interess partikolari jew kontributi ulterjuri ta' Stati Membri individwali. Huwa jippreżenta l-ħidma li saret s'issa fil-korpi preparatorji tal-Kunsill u jiddeskrivi s-sitwazzjoni attwali fl-eżami tal-proposta msemmija hawn fuq. Il-Kunsill huwa mistieden jieħu nota tar-rapport.

I. INTRODUZZJONI

1. Fis-16 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni adottat il-proposta għal Direttiva dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha (id-Direttiva NIS riveduta jew "NIS 2")¹ bil-għan li tissostitwixxi d-Direttiva attwali dwar is-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni ("id-Direttiva NIS")². Il-proposta kienet waħda mill-azzjonijiet previsti fl-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà għad-Deċennju Diġitali³ biex tinbena reżiljenza għat-theddid ċibernetiku u jiġi żgurat li ċ-ċittadini u n-negozji jibbenefikaw minn teknoloġiji diġitali affidabbli.
2. L-għan tal-proposta, abbażi tal-Artikolu 114 TFUE, huwa li ttejjeb aktar ir-reżiljenza u l-kapaċitajiet ta' rispons għall-inċidenti tal-entitajiet pubbliċi u privati, l-awtoritajiet kompetenti u l-Unjoni kollha kemm hi. Il-proposta twessa' b'mod sinifikanti l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva NIS attwali, tindirizza s-sigurtà tal-ktajjen ta' provvista, issaħħaħ ir-rekwiżiti imposti tas-sigurtà u tissimplifika l-obbligi ta' rappurtar, filwaqt li tintroduċi miżuri superviżorji aktar stretti u infurzar aktar strett. Fiha wkoll dispożizzjonijiet li jindirizzaw il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni dwar il-ġestjoni ta' kriżijiet ċibernetiċi fil-livell nazzjonali u dak tal-Unjoni. Il-proposta tipprevedi wkoll ir-regolamentazzjoni tal-bażijiet tad-data tad-data tar-reġistrazzjoni tad-dominju.

¹ Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148, COM(2020)823 final.

² Direttiva 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni

³ dokument 14133/20

3. Fil-Parlament Ewropew, il-kumitat responsabbli għall-proposta huwa l-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE), filwaqt li l-kumitati għall-opinjoni huma l-Affarijiet Barranin (AFET), is-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IMCO), it-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) u l-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE). Ir-rapporteur għall-fajl huwa Bart Groothuis (Renew, in-Netherlands). Il-Presidenza Portugiża kellha skambju informali ta' fehmiet mar-rapporteur tal-Kumitat ITRE fid-29 ta' Jannar 2021 dwar il-fajl. Fit-12 ta' April 2021, il-Presidenza involviet ruħha ma' rappreżentanti tar-rapporteur għall-opinjoni tal-kumitat IMCO, Morten Lokkegaard (Renew, id-Danimarka). Fis-16 ta' April, il-Presidenza Portugiża kellha skambju informali ta' fehmiet mal-Kap tal-Unità u ma' amministraturi oħra mill-kumitat ITRE dwar il-fajl. Ir-rapporteur ippreżenta l-abbozz ta' rapport tiegħu fil-kumitat ITRE fit-3 ta' Mejju 2021⁴.
4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fit-28 ta' April 2021⁵.
5. Fit-3 ta' Frar 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ddeċieda li jikkonsulta lill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar il-proposta⁶. S'issa, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni għadu ma tax l-opinjoni tiegħu.
6. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data adotta l-opinjoni tiegħu fil-11 ta' Marzu 2021⁷.
7. Fid-dikjarazzjoni tiegħu⁸ tas-26 ta' Frar 2021, il-Kunsill Ewropew stieden lill-koleġiżlaturi biex javvanzaw malajr il-ħidma, b'mod partikolari fir-rigward tad-Direttiva riveduta dwar is-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni (Direttiva NIS 2).

⁴ 2020/0359(COD)

⁵ TEN/730-EESC-2020

⁶ 5573/21

⁷ Opinjoni 5/2021 dwar l-Istrateġija ta' Ċibersigurtà u d-Direttiva NIS 2.0

⁸ <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2021/02/26/statement-of-the-members-of-the-european-council-25-26-february-2021/>

8. Fil-konklużjonijiet tiegħu⁹ tat-22 ta' Marzu 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà għad-Deċennju Diġitali, il-Kunsill għaraf l-importanza ta' approċċ komprensiv u orizzontali dwar iċ-ċibersigurtà fl-Unjoni, filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ il-kompetenzi u l-ħtiġijiet tal-Istati Membri kif ukoll l-importanza ta' appoġġ kontinwu għall-assistenza teknika u kooperazzjoni biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-Istati Membri. B'kont meħud tal-evoluzzjoni tax-xenarju tat-theddid ċibernetiku, il-Kunsill ħa nota tal-proposta l-ġdida għal Direttiva dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha li tibni fuq id-Direttiva NIS u tenna l-appoġġ tiegħu għat-tisħiħ u l-armonizzazzjoni tal-oqfsa nazzjonali ta' ċibersigurtà u l-kooperazzjoni sostnuta bejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, enfasizza l-ħtieġa għal allinjament u artikolazzjoni tal-leġiżlazzjoni settorjali f'dan il-qasam.

II. ĦIDMA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL

9. Fil-Kunsill, l-eżami tal-proposta jitwettaq fil-Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar Kwistjonijiet ta' Ċiberspazju (minn hawn 'il quddiem: HWPCI). Fil-laqgħa informali b'vidjokonferenza tal-HWPCI tas-17 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat l-Istrateġija l-ġdida dwar iċ-Ċibersigurtà u l-proposta għar-rieżami tad-Direttiva NIS. Sussegwentement, il-Kummissjoni tat preżentazzjoni aktar komprensiva dwar il-proposta fit-12 ta' Jannar 2021.
10. Waqt il-vidjokonferenza informali tal-HWPCI tad-19 ta' Jannar 2021, il-Presidenza Portugiża ddeskriviet il-metodoloġija ta' ħidma tagħha għad-diskussjonijiet dwar id-Direttiva NIS 2. Il-Presidenza pprevediet qari bir-reqqa tal-proposta, filwaqt li ħadet kont tal-innovazzjonijiet importanti inklużi fid-Direttiva riveduta u ppermettiet lid-delegazzjonijiet jikkumentaw u jippreżentaw mistoqsijiet bil-miktub, li ġew segwiti minn kjarifiki mill-Kummissjoni.

⁹ 6722/21

11. Barra minn hekk, l-HWPCI ddiskuta l-interazzjoni tad-Direttiva NIS riveduta mal-leġiżlazzjoni settorjali, b'mod partikolari r-Direttiva dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi (id-Direttiva "CER") u r-Regolament dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju ("DORA"). Il-Kummissjoni (DG HOME) ippreżentat il-proposta l-għdida għad-Direttiva CER, li tenfasizza l-elementi ewlenin tal-interazzjoni mad-Direttiva NIS 2. Il-laqgħat tal-HWPCI ttrattaw ukoll ir-rabtiet mar-Regolament propost dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju permezz ta' nota ta' diskussjoni mill-Presidenza tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Servizzi Finanzjarji (responsabbli għan-negozjati ta' "DORA") u anki permezz ta' preżentazzjoni tad-dokument informali dwar "il-korrelazzjoni tal-awtoritajiet tal-NIS u l-awtorità nazzjonali kompetenti taħt DORA" imressaq minn tliet Stati Membri fil-kuntest tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Servizzi Finanzjarji. Il-President tal-HWPCI attenda wkoll laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma PROCIV biex jippreżenta s-sitwazzjoni attwali tad-diskussjonijiet dwar id-Direttiva NIS 2. Il-Presidenza żammet regolarment lill-HWPCI infurmat bl-evoluzzjoni tad-diskussjonijiet rilevanti fil-PROCIV u fil-Grupp ta' Ħidma dwar is-Servizzi Finanzjarji dwar il-fajls rispettivi tagħhom, filwaqt li tenniet il-ħtieġa għal koordinazzjoni mill-qrib fil-livell nazzjonali fost il-ministeri ewlenin differenti għal dawn il-fajls.
12. Fil-vidjokonferenzi informali tiegħu tat-2 u d-9 ta' Frar 2021, l-HWPCI beda biex jeżamina l-proposta mill-ewwel żewġ artikoli ("Suġġett" u "Kamp ta' Applikazzjoni") u l-Annessi I u II. Fil-laqgħa tal-HWPCI tat-2 ta' Frar, l-HWPCI rċieva preżentazzjoni mill-Kummissjoni u mill-President tal-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS dwar is-sitwazzjoni attwali tal-ħidma fil-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, inkluż dwar ir-rwol tiegħu fl-iffaċilitar tal-implimentazzjoni tad-Direttiva NIS. Fil-laqgħa msemmija hawn fuq, id-Direttur Eżekuttiv tal-ENISA ta wkoll preżentazzjoni dwar il-Programm ta' Ħidma tal-Aġenzija li inkludiet informazzjoni rigward l-Istudju dwar l-Investimenti NIS imwettaq mill-ENISA u dwar ir-rwol tagħha fl-appoġġ għall-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet tal-UE fl-implimentazzjoni tal-politika u l-pariri relatati mad-Direttiva NIS. Matul dawn il-laqgħat, kien hemm diskussjonijiet sostantivi dwar il-kamp ta' applikazzjoni u tqajmu mistoqsijiet dwar il-proporzjonalità.

13. Waqt l-HWPCI tat-22 ta' Frar 2021, il-Kummissjoni ppreżentat il-valutazzjoni tal-impatt għar-rieżami tad-Direttiva NIS u d-diskussjonijiet dwar il-proposta komplew bl-Artikoli 3 u 4 ("Armonizzazzjoni minima" u "Definizzjonijiet").
14. Fit-2 ta' Marzu 2021 il-valutazzjoni preliminari tal-proposta kompliet fil-laqgħa tal-HWPCI b'diskussjonijiet estensivi dwar l-Artikoli 5 u 6 ("Strateġija nazzjonali taç-çibersigurtà" u "Divulgazzjoni kkoordinata tal-vulnerabbiltajiet u reġistru Ewropew tal-vulnerabbiltajiet"), flimkien ma' preżentazzjoni estensiva mill-Kummissjoni dwar Divulgazzjoni Koordinata tal-Vulnerabbiltajiet u r-Reġistru tal-UE tal-Vulnerabbiltajiet.
15. Id-diskussjonijiet komplew fil-laqgħa tal-HWPCI fid-9 ta' Marzu 2021 bl-Artikoli 7 sa 11 dwar l-oqfsa għall-ġestjoni ta' kriżijiet taç-çibersigurtà, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-punti uniçi ta' kuntatt skont id-Direttiva NIS riveduta, l-Iskwadri ta' Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters (CSIRTs) inkluż ir-rekwiżiti, il-kompiti u l-kooperazzjoni tagħhom fil-livell nazzjonali.
16. Fil-laqgħa straordinarja tiegħu tas-17 ta' Marzu 2021, l-HWPCI ddiskuta l-Artikoli 12 sa 16 (il-Kapitolu III "Kooperazzjoni") li jinkludu l-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, in-Network tas-CSIRTs, in-Network Ewropew ta' Organizzazzjoni ta' Kollegament f'każ ta' Çiberkrizijiet (EU CyCLONe), ir-rapport dwar l-istat taç-çibersigurtà fl-Unjoni u l-kwistjoni tal-evalwazzjonijiet bejn il-pari. B'mod partikolari, tqajmu għadd ta' mistoqsijiet u kjarifiki dwar dawn l-aħħar żewġ artikoli. L-Artikolu 17 dwar "Governanza" ġie diskuss ukoll matul din il-laqgħa flimkien ma' preżentazzjoni mill-Kap tat-Tim għall-Prevenzjoni u s-Sensibilizzazzjoni taç-Çentru Ewropew taç-Çiberkriminalità (EC3) tal-EUROPOL dwar il-fehma tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi dwar id-Direttiva NIS riveduta.
17. Fil-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Marzu 2021, l-HWPCI eżamina l-Kapitolu IV "Ġestjoni tar-riskji taç-çibersigurtà u obbligi ta' rapportar", jiġifieri, l-Artikoli 18 ("Miżuri ta' ġestjoni tar-riskji taç-çibersigurtà"), 19 ("Valutazzjonijiet tar-riskju kkoordinati tal-UE ta' ktajjen tal-provvista kritiçi") u 20 ("Obbligi ta' rappurtar"), b'dan l-artikolu tal-aħħar jitqies bħala wieħed mid-dispożizzjonijiet ewlenin tad-Direttiva NIS 2.

18. Fil-laqgħa tiegħu tal-14 ta' April, l-HWPCI indirizza l-Artikoli 21 ("Użu tal-iskemi Ewropej taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà"), 22 ("Standardizzazzjoni") u 23 ("Bażijiet tad-data tal-ismijiet ta' dominji u tad-data tar-reġistrazzjoni") kif ukoll l-Artikoli sussegwenti 24 u 25 ("Ġuriżdizzjoni u reġistrazzjoni"). Il-Kapitoli V u VI (rispettivament dwar il-kondiviżjoni tal-informazzjoni u dwar is-superviżjoni u l-infurzar) ġew diskussi wkoll f'din il-laqgħa. Minħabba l-estensività u d-dettall tagħhom, l-Artikoli 29 u 30 dwar is-superviżjoni u l-infurzar għal, rispettivament, entitajiet essenzjali u importanti, wasslu għal għadd kbir ta' kummenti u mistoqsijiet mill-Istati Membri. Bl-istess mod, saru kummenti u mistoqsijiet sostanzjali dwar l-Artikoli 31, 32 u 33 dwar multi amministrattivi, ksur li jinvolvi ksur ta' data personali u pieni. L-Istati Membri talbu wkoll kjarifika ulterjuri fir-rigward tal-Artikolu 34 dwar l-assistenza reċiproka.
19. L-HWPCI indirizza l-Kapitolu VII dwar Dispożizzjonijiet tranżizzjonali u finali (l-Artikoli 35 sa 43) fil-laqgħa tiegħu tad-19 ta' April, u b'hekk ikkonkluda l-qari tal-artikoli.
20. Fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' April 2021, l-HWPCI ffinalizza l-qari sħiħ tal-proposta billi indirizza l-premessi. Din kienet l-ewwel laqgħa fiżika tal-HWPCI li saret matul il-Presidenza Portugiża dwar id-Direttiva NIS 2. Qabel dan, fil-15 ta' Frar 2021, il-Kummissjoni kkondiviet tabella ta' korrelazzjoni bejn il-premessi u l-artikoli rilevanti fit-test.
21. Fil-laqgħa tiegħu tal-5 ta' Mejju 2021, l-HWPCI kellu l-ewwel skambju ta' fehmiet bil-ħsieb li jibda l-abbozzar dwar il-fajl. Sabiex isir progress fil-fajl, il-Presidenza ddeċidiet li tibda l-proċess ta' abbozzar dwar il-kwistjoni tal-interazzjoni tad-Direttiva NIS riveduta mal-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti. Din id-deċiżjoni saret abbażi tad-diskussjonijiet li saru fl-HWPCI matul il-qari tal-fajl kif ukoll il-fatt li din il-kwistjoni kienet diġà ġiet identifikata mill-Istati Membri bħala importanti b'kont meħud tar-referenza speċifika inkluża fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Marzu dwar l-Istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà għad-Deċennju Diġitali dwar il-kwistjoni. L-Istati Membri ntalbu jippreżentaw proposti ta' test konkreti dwar din il-kwistjoni sal-14 ta' Mejju 2021.

22. S'issa, tul il-Presidenza Portugiża, l-HWPCI ddedika 17-il laqgħa għall-preżentazzjoni u l-qari tal-proposta. Matul dawn id-diskussjonijiet, xi Stati Membri indikaw riżervi ta' skrutinju dwar il-proposta kollha jew partijiet minnha.
23. Hija l-konvinzjoni tal-Presidenza li l-qari bir-reqqa tad-Direttiva NIS 2 ippermetta lill-Istati Membri jirċievu spjegazzjonijiet dettaljati mill-Kummissjoni dwar il-bidliet fundamentali għad-Direttiva riveduta u, simultanjament, jenfasizzaw it-tħassib ewlieni tagħhom rigward il-proposta, u b'hekk il-qari ffaċilita u ssimplifika l-ħidma futura bil-ħsieb li jintlaħaq approċċ ġenerali fi żmien debitu.

III. SUSTANZA

24. Fid-diskussjonijiet li saru fl-HWPCI, filwaqt li laqgħu b'mod ġenerali d-Direttiva NIS riveduta, l-Istati Membri qajmu għadd ta' kwistjonijiet u tħassib ewlenin li għandhom jiġu rifesti waqt in-negozjati tal-proposta.
25. Waħda mill-kwistjonijiet rikorrenti mqajma waqt id-diskussjonijiet kienet l-interazzjoni tad-Direttiva NIS riveduta u l-leġiżlazzjoni settorjali. Matul id-diskussjonijiet li saru s'issa, maġġoranza sinifikanti tal-Istati Membri ddikjaraw li huwa imperattiv li l-proposta għal Direttiva NIS riveduta titqies bħala l-qafas orizzontali għaċ-ċibersigurtà fl-UE u li jenħtieġ li din iservi bħala standard bażi għall-armonizzazzjoni minima tal-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti kollha f'dan il-qasam.
26. It-tieni nett, tqajjem ħafna tħassib dwar l-espansjoni sinifikanti tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva NIS riveduta: il-firxa ta' entitajiet essenzjali u importanti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva; ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri li jidentifikaw entitajiet essenzjali u importanti; l-implikazzjonijiet fuq il-kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jimmonitorjaw dawn il-listi ta' entitajiet; l-ispeċifikitajiet tal-annessi li jagħtu dettalji dwar l-entitajiet essenzjali u importanti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni eż. l-inklużjoni estensiva tas-setturi tal-ikel u tat-trasport irrispettivament mill-importanza tagħhom għas-settur rispettiv; il-limitazzjonijiet tal-introduzzjoni ta' limitu tad-daqs massimu, speċjalment fir-rigward ta' entitajiet li jipprovdu aktar minn servizz wieħed jew entitajiet żgħar u mikro b'interdipendenzi qawwija ma' servizzi oħra, li jirriżultaw f'effetti kaskata.

27. It-tielet nett, il-kriterju tad-daqs massimu bħala l-uniku element għall-kunsiderazzjoni f'termini tal-identifikazzjoni ta' entitajiet essenzjali u importanti li għandhom jiġu koperti taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tqajjem ukoll minn xi Stati Membri li jippreferu, b'mod kumulattiv, approċċ ibbażat fuq ir-riskju jew kriterji kwalitattivi addizzjonali introdotti fil-livell nazzjonali. Il-Kummissjoni kienet ċara li l-kriterju tad-daqs massimu huwa l-aktar kejl ottimali, għalkemm forsi mhux ideali, sabiex jiġi indirizzat il-proċess ta' identifikazzjoni ineffiċjenti li jirriżulta mid-Direttiva NIS attwali u biex b'hekk tiġi evitata l-frammentazzjoni fl-applikazzjoni tal-istrument futur.
28. Xi Stati Membri staqsew jekk il-bażi legali tas-Suq Uniku (artikolu 114 TFUE) tippermettix li l-amministrazzjoni pubblika tiġi koperta taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva riveduta. Tliet Stati Membri jesprimu l-interess tagħhom li jirċievu opinjoni bil-miktub mis-Servizz Legali tal-Kunsill dwar din il-kwistjoni. Barra minn hekk, il-kriterju li bih l-entitajiet tal-amministrazzjoni pubblika għandhom jiġu identifikati (Nomenklatura tal-unitajiet territorjali għall-istatistika - NUTS) ġie ddubitat.
29. Il-ħames kwistjoni li ġiet enfasizzata minn diversi Stati Membri matul id-diskussjonijiet, hija relatata mat-tħassib dwar is-sigurtà nazzjonali u l-applikazzjoni, fil-prattika, tal-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva riveduta tal-entitajiet pubbliċi involuti fiż-żamma tas-sigurtà pubblika, id-difiża u s-sigurtà nazzjonali.
30. Kwistjonijiet oħra ta' interess li tqajmu mill-Istati Membri kienu relatati mar-rabtiet u d-duplikazzjonijiet possibbli bejn l-istrutturi, in-networks u l-mekkaniżmi differenti fil-qasam taċ-ċibersigurtà fil-livell tal-UE, b'mod partikolari bl-introduzzjoni ta' EU CyCLONe, iżda wkoll b'antiċipazzjoni ta' proposti u/jew inizjattivi li ġejjin bħall-istabbiliment ta' Network ta' Ċentri tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà (SOCs) jew il-proposta dwar iċ-Ċiberunità Konġunta.
31. Rigward l-introduzzjoni ta' evalwazzjonijiet bejn il-pari, xi Stati Membri esprimew dubji dwar in-natura mandatorja ta' dan l-eżerċizzju u l-mekkaniżmu biex tiġi stabbilita l-metodoloġija rispettiva, qajmu mistoqsijiet dwar il-kunfidenzjalità u d-disponibbiltà ta' informazzjoni skambjata u enfasizzaw l-iskarsezza tar-riżorsi disponibbli għat-twettiq ta' dawn l-evalwazzjonijiet, b'mod partikolari fi Stati Membri iżgħar.

32. Fir-rigward tas-sigurtà tal-katina tal-provvista, u b'mod aktar speċifiku l-miżuri għall-ġestjoni tar-riskji taċ-ċibersigurtà identifikati fl-Artikolu 18 u l-valutazzjonijiet tar-riskju kkoordinati tal-UE tal-ktajjen tal-provvista kritiċi fl-Artikolu 19 tal-proposta għal Direttiva riveduta, il-Kummissjoni indikat li bħalissa qed tikkunsidra approċċ komprensiv, inkluż regoli orizzontali ġodda possibbli biex tittejjeb iċ-ċibersigurtà tal-prodotti konnessi u s-servizzi assoċjati kollha mqiegħda fis-Suq Intern.
33. Kif imsemmi hawn fuq, tqajmu diversi mistoqsijiet mill-Istati Membri dwar id-Divulgazzjoni Koordinata tal-Vulnerabbiltajiet (CVD) u l-istabbiliment ta' Reġistru Ewropew tal-Vulnerabbiltajiet mill-ENISA. Il-Kummissjoni tat preżentazzjoni dettaljata dwar dawn iż-żewġ kwistjonijiet waqt li indikat li l-iżvilupp tagħhom iseħħ abbażi tal-aħjar prattiki u proċeduri nazzjonali u internazzjonali eżistenti f'dan il-qasam.
34. Fir-rigward tar-rappurtar, l-Istati Membri esprimew fehmiet dwar il-piżijiet amministrattivi, l-implikazzjonijiet tar-responsabbiltà li jirriżultaw minnhom, l-iskeda ta' żmien ta' notifika ta' 24 siegħa u dwar ir-rappurtar fir-rigward ta' theddid ċibernetiku sinifikanti u kważi aċċidenti.
35. Referenza għal kunsiderazzjonijiet prattiċi u legali rigward ir-revoka tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-eIDAS u l-KEKE tqajmu wkoll minn ħafna Stati Membri li talbu kjarifiki addizzjonali mill-Kummissjoni Ewropea dwar dawn il-punti.
36. L-Istati Membri esprimew ukoll dubji dwar is-setgħat estensivi previsti għall-Kummissjoni fid-Direttiva NIS riveduta dwar l-adozzjoni ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni. Dawn inkludew mistoqsijiet dwar ir-rabtiet mal-Att dwar iċ-Ċibersigurtà fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni.

IV. KONKLUŻJONIJIET

37. Il-Presidenza tesprimi l-apprezzament sinċier tagħha għall-involviment impenjat tal-Kummissjoni matul il-proċess tal-qari bir-reqqa biex tfittex twieġeb u tiċċara l-mistoqsijiet u l-kummenti ppreżentati mill-Istati Membri matul id-diskussjonijiet.
38. Barra minn hekk, il-Presidenza tirrikonoxxi l-impenn tal-Istati Membri għal dan il-proċess kif intwera mill-kummenti u l-mistoqsijiet dettaljati multipli mressqa matul id-diskussjonijiet. Il-Presidenza konxja bis-sħiħ tal-isforzi importanti li saru mill-Istati Membri f'termini ta' koordinazzjoni interministerjali dwar il-fajl fil-livell nazżjonali.
39. Abbażi tad-diskussjonijiet fl-HWPCI deskritti hawn fuq, hija l-konvinzjoni tal-Presidenza li ċerti elementi kruċjali tal-proposta għal Direttiva NIS riveduta għadhom mhumiex suffiċjentement maturi biex jippermettu progress produttiv fid-deliberazzjonijiet bejn l-Istati Membri dwar l-abbozzar tagħhom. Il-Presidenza għalhekk temmen li l-indirizzar tal-kwistjoni tal-interazzjoni tad-Direttiva NIS riveduta mal-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti ser jippermetti progress fil-fajl u ser jikkontribwixxi għall-kjarifika meħtieġa bejn id-dispożizzjonijiet korrispondenti rilevanti tal-NIS 2 u atti legali oħra li bħalissa u/jew dalwaqt ser ikunu qed jiġu diskussi fil-korpi preparatorji tal-Kunsill (jiġifieri, iżda mhux limitati għal, DORA u CER). Wieħed għandu jżomm f'moħħu wkoll li kull att legali f'din l-interazzjoni jinsab fi stadji differenti tal-proċess ta' negozjar fil-korpi preparatorji kompetenti tal-Kunsill. L-indirizzar tal-kwistjoni tal-interazzjoni mal-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti fil-proċess ta' abbozzar tad-Direttiva NIS 2 għandu jippermetti *ab initio* li n-negozjati tal-atti legali differenti jipproċedu mingħajr xkiel, b'mod indipendenti u fuq bażi solida.

40. Sal-aħħar ta' Ġunju 2021, skont l-ippjanar attwali tal-Presidenza Portugiża, l-HWPCI ser ikollu total ta' 19-il laqgħa ddedikata għad-Direttiva NIS riveduta. Il-Presidenza tqis li bil-konklużjoni tal-qari bir-reqqa u, fil-fehma tagħna, meħtieġ tad-Direttiva riveduta, u wara li sussegwentement ta bidu għall-proċess ta' abbozzar, il-Kunsill qed jikkorrispondi bis-sħiħ għall-istedina magħmula mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa tiegħu tas-26 ta' Frar biex il-ħidma dwar id-Direttiva riveduta dwar is-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni titmexxa 'l quddiem malajr.
41. Il-Presidenza Portugiża hija impenjata li taħdem mill-qrib mal-Presidenza Slovena li jmiss sabiex tiffaċilita l-kontinwazzjoni tad-diskussjonijiet fl-HWPCI u biex tiżgura l-progress bla xkiel dwar il-fajl fil-Kunsill.
42. Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u l-Kunsill huma mistiedna jieħdu nota tal-progress li sar fl-eżami tad-Direttiva proposta.
